**22 ta' April, 1961**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**
Deċiża fil-meritu b'sentenza tat-13 ta' Mejju 1961 (publikata).
Il-Pulizija
*versus*
Angelo Spiteri

**Preskrizzjoni — Ammissjoni tal-Imputat — Appell**

*Billi fil-prima istanza l-imputat ikun issolleva biss l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, b'daqshekk ma tistgħax tiġi ndotta, "in criminalibus", u per inferenza, l-ammissjoni tiegħu għar-reat lilu addebitat; u kwindi din iċ-ċirkustanza ma tistgħax tkun ta' ostakolu lilu li f'sedi ta' appell jissolleva eċċezzjonijiet fil-meritu, bħal ma hi dik illi n-nuqqas tiegħu ma jikkostitwix ir-reat lilu addebitat.*

*Jekk il-Qorti t'Isfel tkun semgħet u eżaminat biss il-provi dwar il-preskrizzjoni, u għal dak il-fini tkun assumiet li r-reat ġie kommess, u mbagħad tkun laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni billi tkun irriteniet ir-reat bħala istantaneu, b'daqshekk lanqas jista' jingħad li s-sentenza impliċitament u irrevokabilment stabbiliet li l-fatt kien reat u li l-imputat kien ikkommettieh u illi, billi l-imputat ma jkunx appella, dan ikun preklus li jġib u jagħti eċċezzjonijiet fil-meritu.*

*F'dawn il-kontinġenzi, f'appell li jsir minn dik is-sentenza, ikun il-każ li l-ewwel jiġi nvestit il-pont jekk kienx hemm reat, u mbagħad, jekk kien hemm, jekk l-azzjoni penali hix preskritta; għax jekk jiġi ritenut li reat ma kienx hemm, id-*

*deċiżjoni tal-preskrizzjoni jista' jkollha biss valur akkademiku.*

Il-Qorti:— Peress li f'din is-sedi, kif jidher mill-verbal fol. 12, l-imputat qiegħed jallega li n-nuqqas tiegħu ma kienx jikkostitwixxi reat, għaliex hu biegħ ix-char-a-banc biex dan jiġi "scrapped", kif fil-fatt kien;

Peress li, għalkemm fil-prima istanza l-imputat issolleva biss l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, b'daqshekk ma tistgħax tiġi ndotta, "in criminalibus", l-ammissjoni tiegħu, per inferenza, tar-reat lilu addebitat, u għalhekk dik iċ-ċirkustanza ma tistgħax tkun ta' ostakolu li f'din is-sedi hu jissolleva, fil-meritu, l-eċċezzjoni li issa qiegħed jissolleva;

Peress li lanqas jista' jingħad li bis-sentenza appellata ġie impliċitament u irrevokabbilment stabbilit li l-fatt kien reat u li l-imputat kien ikkommettieh, u li, ladarba l-imputat ma appellax, għalhekk il-lum hu jinsab preklus milli jagħti eċċezzjoni fil-meritu, u ma jistgħax jingħad dan għaliex l-Ewwel Qorti semgħet provi dwar, u eżaminat "biss", il-kwistjoni tal-preskrizzjoni, u għall-finijiet tal-istess kwistjoni assumiet li kien ġie kommess ir-reat; imma dik is-suppożizzjoni ma tammontax għal dikjarazzjoni ta' reità. Tant li, kieku l-Ewwel Qorti, flok irriteniet ir-reat prospettat bħala istantaneu, irritenitu permanenti u eskludiet il-preskrizzjoni, preżumibbilment kienet tkompli għaddejja biex tara jekk, apparti l-preskrizzjoni, l-imputat kienx ħati tar-reat dedott;

Peress li hu opportun li din il-Qorti tinvesti, l-ewwel, il-pont jekk kienx hemm ir-reat, mbagħad, jekk kien hemm, dak jekk l-azzjoni penali hijiex preskritta; diversament, suppost reat ma hemmx, allura d-deċiżjoni dwar il-preskrizzjoni jista' jkollha biss valur akkademiku;

Għalhekk tordna li jinstemgħu l-provi dwar l-eċċezzjoni fil-meritu fol. 12.